MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1147/2002/1

**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.**
**Adv.Trib.Eccl.Melit.**
**AICArb**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 ta' Ottubru, 2002**

**Numru 28**

**Avviz. numru 1147/02JR**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Annabel Zerafa**
**vs**

**Anthony sive Lino Bartolo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm148.00) rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru LAU-679 fis-26 t'Ottubru, 2000, gewwa Marsa By Pass habat mal-vettura numru JAG-132 proprjeta` ta' Annabel Zerafa u ikkaguna danni f'din l-istess vettura;**

**Illi dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 18 t'Ottubru, 2001 u tal-parir (Lm15.00) u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, kontra l-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-1 ta' Lulju, 2002 fejn intqal illi t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas ta' l-ammont ta' mija u tmienja u erbghin lira (Lm148.00) ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici, stante illi l-incident de quo sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieq tal-vettura assikurata**

**mas-socjeta` attrici, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Ra n-nota tal-konvenut prezentata fis-27 ta' Settembru, 2002, li biha ammetta t-talbiet attrici.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, jiddikajara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm148.00) bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Mejju, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 18 t'Ottubru, 2001 u l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, pero` eskluzi il-hmistax-il lira Maltija ghall-parir, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**